REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1065

tal-1 ta' Ġunju 2023

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klorur tan-nikotinammidribosid miżjud mal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħrajn mal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 jistabbilixxu l-lista ta' vitamini u sustanzi minerali, u għal kull waħda minnhom il-forom, li jistgħu jiżdiedu mal-ikel.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/16 ([2]) awtorizza t-tqegħid fis-suq tal-klorur tan-nikotinammidribosid bħala ikel ġdid li jintuża fis-supplimenti tal-ikel kif iddefiniti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), għall-popolazzjoni adulta.

(3) Billi l-awtorizzazzjoni inizjali ta' din is-sustanza bħala ikel ġdid kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/16 kienet tikkonċerna biss is-supplimenti tal-ikel, is-sustanza ġiet inkluża fil-lista stabbilita fl-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/418 ([4]). Wara applikazzjoni għall-estensjoni tal-użu tal-klorur tan-nikotinammidribosid bħala ikel ġdid biex ikopri wkoll l-użu tiegħu għal skopijiet nutrittivi bħala sors tan-niaċina, b'mod partikolari, fis-sostituti tal-ikliet, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") tagħti opinjoni dwar din l-estensjoni tal-użu f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u, wara l-eżitu ta' dik il-valutazzjoni, tevalwa fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, is-sikurezza u l-bijodisponibbiltà ta' dik is-sustanza meta tiżdied mal-ikel inkwistjoni. Fl-14 ta' Settembru 2021, l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika dwar l-estensjoni tal-użu tal-klorur tan-nikotinammidribosid bħala ikel ġdid ([6]).

(4) Minn dik l-opinjoni jirriżulta li l-użu tal-klorur tan-nikotinammidribosid fl-ikel mhuwiex ta' tħassib għas-sikurezza bħala sors ta' niaċina sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Dawk il-kundizzjonijiet huma stabbiliti fl-awtorizzazzjoni ta' din is-sustanza bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1160 ([7]).

([1]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/16 tal-10 ta' Jannar 2020 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-klorur tan-nikotinammidribosid bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 7, 13.1.2020, p. 6).

([3]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/418 tad-9 ta' Marzu 2021 li jemenda d-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-klorur tan-nikotinammidribosid u ċ-ċitrat malat tal-manjeżju li jintużaw fil-manifattura tas-supplimenti tal-ikel u rigward l-unitajiet tal-kejl li jintużaw għar-ram (ĠU L 83, 10.3.2021, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1).

([6]) *EFSA Journal* 2021;19(11):6843.

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1160 tal-5 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel il-ġdid klorur tan-nikotinammidribosid (ĠU L 179, 6.7.2022, p. 25).

(5) F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, il-vitamini u/jew il-minerali elenkati fl-Anness I, fil-forma elenkata fl-Anness II ta' dak l-att biss jistgħu jiġu miżjuda mal-ikel. Abbażi tal-opinjoni favorevoli tal-Awtorità u tal-awtorizzazzjoni bħala ikel ġdid kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1160, jenħtieġ li l-klorur tan-nikotinammidribosid jiġi inkluż fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 bħala forma ta' niaċina.

(6) Ġie kkonsultat il-Grupp Konsultattiv dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u tal-Pjanti, u tqiesu l-kummenti tiegħu.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1925/2006 jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

1. Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, fil-Punt 1 dwar "Formulazzjonijiet ta' vitamini", taħt "NIAĊINA", l-entrata li ġejja tiżdied wara l-entrata għal "nikotinamida":

"klorur tan-nikotinammidribosid".